**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
(Spettur Maurice Curmi)

**- vs -**

**Joseph Portelli**
**Ignatius Farrugia**
**Pierre Grech**

Illum 23 ta’ Jannar 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Joseph Portelli ta’ 33 sena bin Lawrence u Lucia nee’ Buttigieg imwieled Victoria, Ghawdex, fit-3 ta’ Settembru 1967 u joqghod 53, Triq it-Tilliera, Sannat, Ghawdex, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 21967(G);

Ignatius Farrugia ta’ 45 sena bin Francis u Concetta nee’ Attard imwieled Victoria, Ghawdex fit-13 ta’ Dicembru 1956 u joqghod 5, Triq Frenc ta’ l-Gharb, Gharb, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 66756(G) u

Pierre Grech ta’ 24 sena bin Peter Paul u Josephine nee’ Debrincat imwieled in-Nadur, Ghawdex, fit-18 ta’ April 1977 u joqghod ‘Obsidian’, Triq il-Madonna ta’ Lourdes, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 14277(G)

akkuzati talli fis-7 t’Awissu 2001 bejn il-11.30 ta’ filghodu u n-nofs siegha u fix-xahar ta’ qabel, minghajr licenzja tal-Pulizija garrew jew zammew fid-djar fejn joqghodu porvli jew esplossivi cioe’ xogholijiet tan-nar li ghandhom bazi tal-klorat tal-putassa, ai termini tal-artikolu 16 tal-Ordinanza dwar l-Esplossivi tal-Kap 33;

Akkuzati wkoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, bieghu oggetti li jkunu ta’ xoghol tan-nar li huma kontra l-Ligi, ai termini tal-artikolu 11(1) ta’ l-Avviz Legali 243 ta’ 1998;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputati sabiex jhallsu l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet il-provi;

Semghet ukoll l-ammissjoni tal-imputati;

Fuq ammissjoni ssibhom hatja;

Wara li rat l-artikoli 11(1) ta’ l-Avviz Legali 243 tal-1998, 16 tal-Kap 33 u 533 tal-Kap 9;

Tikkundannahom ghall-hlas ta’ multa ta’ ghoxrin lira Maltin (Lm20) kull wiehed.

Tordna l-konfiska u distruzzjoni tal-oggetti esebieti taht is-supervizjoni tal-Kurunell Albert Camilleri nominat ghal dan l-iskop.

Tobbliga lill-imputati jhallsu solidalment bejniethom l-ispejjez inkorsi fl-inkjesta.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur